MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Numru 1297/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Antonovitch Muscat)**

**vs**

**omissis**

**omissis**

**Nevio Barut ta‘ nazzjonalita‘ Slovena ta‘ 44 sena bin Evgen u Alma nee Cah, imwieled Koper, Slovenia fis-26/06/1962, residenti 12, Via Bencic, 6000, Koper, Slovenia, detentur tal-karta tal-identita‘ Slovena bin-numru 26001550163**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija omissis, omissis u Nevio Barut li gew akkuzati talli f’Dicembru 2006, u fix-xhur ta‘ qabel, f’dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,
(1) Ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw ghaqda ta‘ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta‘ prigunerija ghal zmien erba‘ snin jew aktar;
(2) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartenew ghal ghaqda msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 83A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta;
(3) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi f’Malta assocjaw rwiehhom ma‘ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta‘ prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-att dwar l-Istampa.

Akkuzati wkoll talli f’Dicembru, 2006 u fix-xhur ta‘ qabel, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

(4) B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta‘ ismijiet foloz, jew ta‘ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu jitwemmnu l-ezistenza ta‘ intraprizi foloz, jew ta‘ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta‘ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta‘ aktar minn 1,000 liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Vittoriosa Gaming Ltd. (bin-numru tar-registrazzjoni C27613) u ta‘ diversi persuni ohra.
(5) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, hekk kif ikkontemplat f’artikoli 183 u 184 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(6) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

(7) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom;

Omissis u omissis wahidhom:

Talli f'Dicembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

Ghamlu atti ta' money laundering billi:

(a) Ikkonvertew jew trasferew propjeta' meta kienu jafu li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-propjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali;
(b) Hbew jew urew haga b'ohra tal-vera xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta', meta kienu jafu li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;
(c) Akkwistaw propjeta' meta kienu jafu li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;
(d) Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kienu jafu li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;
(e) Ittentaw jaghmlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

Ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering Kap 373 u l-artikolu 18 tal-Kapitlu 9 , Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutantdis id-dispozizzjonijiet ta‘ l-artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta‘ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta‘ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hi wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta‘ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta‘ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta‘ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat li l-istess Nevio Barut fi stadju ta‘ interrogatorju irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li fi stadju ulterjuri u aktar avvanzat tal-proceduri il-Prosekuzzjoni bidlet parzjalment l-akkuzi kif dedotti kontra Nevio Barut fis-sens illi talbet zieda fl-akkuza taht il-Kap 400 tal-Ligijiet ta‘ Malta u rtirat l-akkuza migjuba kontra Barut taht l-artikolu 83A tal-Kapitlu 9 u cioe:

“f‘Dicembru 2006 u fix-xhur ta‘ qabel f’dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,
(10) hadem bhala junket leader minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awtorita‘ dwar il-Lotteriji u l-Loghob.“

Mibdula ghalhekk l-akkuza wara li rega‘ sar id-debita nterrogatorju Barut rega‘ ammetta l-akkuza kif mibdula, u rega‘ rritjena l-ammissjoni tieghu fl-10 ta‘ Lulju, 2007.

Rat ukoll fil-konfront ta‘ l-akkuza mizjuda taht il-Kap 400 il-permess tal-Avukat Generali biex tingab tali akkuza (datata 19/06/07).

Rat ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni registrata l-ammissjoni ta‘ Barut, biex issir is-separazzjoni tal-gudizzju, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti. Ghaldaqstant din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta‘ **Nevio Barut**.

Ikkonsidrat

Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-provi kollha prodotti nonostante l-ammissjoni ta‘ l-istess Barut, u ma ghandha ebda raguni ghala tali ammissjoni m’ghandhiex tigi accettata.

Ghaldaqstant in vista ta‘ l-ammissjoni fil-konfront ta‘ l-istess Barut semghet it-trattazzjonijiet ta‘ l-abbli Avukat Difensur u l-Prosekuzzjoni dwar il-piena.

Fil-konfront ta‘ l-istess ammissjoni rat ukoll in-nota mibghuta mill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 392A tal-kap 9, nota datata 20 ta‘ Lulju, 2007.

Ghaldaqstant qeghda ssib lil Nevio Barut hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 18, 43A, 308, 309, 310, 183, 184, 189, 334, 31, 17 tal-Kapitlu 9 u l-artikolu 20 u 42 tal-Kapitlu 400 ilkoll tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Dwar il-piena ikkonsidrat l-ammissjoni ferm bikrija ta‘ l-istess Nevio Barut, ikkonsidrat ukoll il-ko operazzjoni tieghu mal-Pulizija fi proceduri ohra kif dikjarat li kienet l-intenzjoni ta‘ l-istess akkuzat u qeghda ghalhekk tikkundannah ghal piena karcerarja ta‘ tliet snin li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv u multa ta’ tliet elef lira Maltlija liema multa trid tithallas sakemm jiskonta l-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------